MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 372/2010

**Frances Bartolo**
**Vs**
**L-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Wara l-ittra ufficjali numru 4085/10 prezentata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) kontra Frances Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Frances Bartolo nhar l-4 ta' Ottubru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

*1. "Illi l-esponenti giet notifikata b'din l-ittra ufficcjali Numru 4085/10 li permezz taghha hija giet interpellata sabiex thallas is-somma ta' €632.25 rappresentanti din is-somma drittijiet tal-licenzji dovuti mill-1 ta' Frar 2003 sa llum oltre ghal multa amministtrattiva ta' zewg Ewro kuljum b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009;*

*2. Illi l-esponenti qieghda tippresenta dan ir-rikors a tenur tal-artikolu* ***57 (4) tal-Kap 65*** *sabiex toggezzjona ghall-avvviz ghall-hlas lilha spedit permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficcjali;*

*3. Illi r-ragunijiet ghal din l-oggezzjoni huma kif ser jigu mfissra f'dan l-umli rikors.*
*4. Illi preliminarjament, il-licenjzi ghas-snin imsemmija in gran parte ma kienux dovuti lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li dak iz-zmien kienet ghadha ma gietx kostitwita w kwindi l-Awtorita' mittenti trid taghti prova illi kwalsiasi krediti illi kellha l-Awtorita' regolatrici precedenti gew lilha assenjati skond il-ligi.*
*5. Illi wkoll, in rigward tal-multa amministrattiva, kwalsiasi penali li tigi imposta ghall-inadempjenza ta' obligazzjoni 'di dare' tikkostitwixxi uzura, u dan skond gurisprudenza pacifika, u bl-istess mod illi dan ma jistax isir mill-privat lanqas ma jista' jsir minn awtorita' pubblika.*
*6. Illi fil-mertu l-esponenti kienet ghamlet dak kollu li kien rikjest minnha skond il-ligi sabiex isir it-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAV-996 bosta snin ilu, u cioe' fis-sena 2003, u dan billi hija kienet iffirmat il-log book fil-presenza tal-persuna illi kien xtara l-istess vettura, li ukoll iffirma l-istess log book kontemporaneament, u fil-presenza ta' ufficcjal ta' xhud li ukoll iffirma l-istess log book bhala xhud (liema xhud jekk il-memorja sserviha sewwa kien pulizija mill-ghassa ta' Rahal Gdid); hekk kif il-log book gie iffirmat miz-zewg partijiet fil-presenza ta' xhud kif kien rikjest skond il-ligi, l-istess* log book *flimkien mac-cavetta u l-pussess tal-vettura in kwistjoni gew konsenjati lix-xerrej li imbaghad kien obbligat biex imur jirregistra t-trasferiment mal-awtoritajiet kompetenti (xi haga li evidentement huwa m'ghamilx ghalkemm dan il-fatt l-esponenti saret tafu biss issa ghaliex f'dawn is-snin kollha qatt ma rceviet ebda interpellazzjoni ta' xejn minghand ebda awtorita'.)*
*7. Illi gjaladarba l-esponenti ghamlet dak kollu li kien minnha rikjest skond il-ligi, hija m'ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghall-hlasijiet li qed jigu mitluba mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, ghaliex m'ghandhiex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor, inkluz talvolta dawk tal-istess awtoritajiet regolaturi.*
*8. Illi semmai l-imsemmi xerrej – fil-prezent ismu mhux maghruf – ghandu jigi kjamat f'dawn il-proceduri sabiex iwiegeb hu ghall-pretensjonijiet li ghandha l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta."*
u konsegwentement talbet li:

*“Ghal dawn il-motivi, in vista tas-suespost filwaqt li l-esponenti qed tirriserva id-dritt illi tharrek ix-xhieda indikati fil-lista li qed issir a tenur ta’ l-**artikou 57 (5) tal-kap 65** tal-ligijiet ta’ Malta u li taghmel dawk is-sottomissjonijiet orali u in skritt talvolta mehtiega u necesarji, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq esponenti:-*

*i. Previa kul dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-pretensjonijiet tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta kif dedotti kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u*

*ii. Konsegwentement tiddikjara illi l-ammonti li l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta qieghda titlob minghand l-esponenti mhumiex dovuti; u*

*iii. Tordna lill-Awtorita’ ghay-Trasport f’Malta sabiex tiddezisti milli tiehu proceduri ulterjuri fil-konfront tal-esponenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta.”*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Ottubru 2010 fejn appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta’ Dicembru 2010 b’dan illi l-intimat ghandu jiprezenta r-risposta tieghu fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta ghar-rikors imressaq mir-rikorrenti nhar l-4 ta’ Ottubru 2010 fejn esponiet is-segwenti:-

1.”*Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti trid tipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnha fir-rikors taghha*.

2.*Fit-tieni lok, l-Awtorita’ hija s-successur fil-ligi ta’ l-Awtorita’ precedenti u dan kif jirrizulta mill-Att dwar l-Awtorita’ tat-Trasport f’Malta (Kap 499) ad exemplum art 38 ta’ l-istess Att. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-awtorita’ ntimata ma gietx assenjata l-krediti precedenti hija ghal kollox infondata*.

3. *L-istess haga jinghad ghar-rigward tal-multa amministrattiva. Il-penali ta’ zewg Ewro kuljum imposti a tenur tar-regolament 14(4) tar-regolament dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta’ vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie ndikat lir-rikorrenti u dan sabiex tigi mwissija li hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sa illum (18 ta’ Ottubru 2010) jammonta ghal*

*€632.25 <u>( u mhux €764 kif indikat mill-intimat erronjament fir-risposta</u> sottolinear ta' din il-Qorti ) , ma jifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficcjali a tenur ta' l-* ***artikolu 57 tal-kapitolu 65*** *tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, dak li jallega ir-rikorrenti fuq dan il-punt m'huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment. Ghalhekk l-allegazzjoni ta' uzura oltre li hija difamatorja hija ingustifikata legalment.*

4. *Fil-mertu, kif tammetti l-istess rikorrenti fir-rikors taghha, hija ttrasferiet din il-vettura lil terzi minghajr ma kienet baghtet avviz ta' dan lill-istess Awtorita' ntimata. Dan ifisser li hija ghadha responsabbli skond il-ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorita' ntimata u mhux sempliciment jigi ffirmat il-log book fil-presenza ta' xhud. L-obbligu ta' dan l-avviz kien tar-rikorrenti u ta' hadd izjed (Ara ad exemplum* ***art 26 tal-kap 65****).*

*5. Illi ghalhekk galadarba ma kien hemm xejn minn dan kollu, u galadarba l-Awtorita' intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi r-rikorrenti hija obbligata li thallas dak dovut minnha skond il-ligi.*

*6. Illi t-talba ghal-kjamat in kawza ta' individwu (li ismu mhux maghruf) hija ukoll opposta u dan peress li skond il-ligi, hija ir-rikorrenti l-persuna responsabbli u hadd izjed. Jekk xejn, hija ghandha dritt ta' rivalsa kontra dan l-istess individwu (jekk jesisti) izda l-Awtorita' m'ghandha x'taqsam xejn mieghu. Hija taf biss lir-rikorrenti w lil hadd izjed. Hekk tghid il-ligi*"

Konsegwentement l-Awtorita' talbet lil din l-Onorabbli Qorti " *sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda ta' **Kevin Bartolo** bin ir-rikorrrenti nhar id-9 ta' Marzu 2011. Spjega li ommu ghanda 69 sena u ma tantx tiflah u ghalhekk gie hu flokha. Qal li jaf li ommu kienet bieghet vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAV 996, pero' ma jafx lil min. Ftakar li kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid u iffirmat il-log book flimkien mal-persuna li kienet ser tixtri l-vettura. Huwa ghalhekk mar l-ghassa sabiex jara jekk kellhomx records lil min giet

mibjugha din il-vettura, izda ma kellhomx. Qal li huwa kien prezenti ghall-iffimar pero’ ma jitakarx meta kienet din l-okkazjoni. Jghid li din il-persuna kellha polza ta’ sigurta gdida w telqet bil-vettura. Jghid li l-pulizija kien fehmhom li t-transfer kellu jsir fi zmien sebat ijiem minn meta jsir il-bejgh.  Jghid li minn dak inhar ‘l hawn ommu ma rceviet l-ebda tahrika w ghalhekk kienet taht l-impressjoni li kollox kien sar sew. In kontro esami jghid li l-log book haditu maghha l-persuna li xtrat il-vettura w x’ghamlet bih ma jafx. Mistoqsi x’sena kienet jghid li jekk jiftakar sew, izda mhux cert, kienet is-sena 2002. Mistoqsi lil min bieghet il-vettura ommu, jghid li ma jafx.

Semghet lil **Steve Cahcia** jixhed nahr is-16 ta’ Gunju 2011 in rappresentanza tal-awtorita’ intimata Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta.  Ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Fiat Panda numru ta’ registrazzjoni AAV 996 hija registrata f’isem ir-rikorrenti u ilha hekk registrata sa mis-sena 2002. Jghid li mill-file relattiv taghhom ma jirrizultax li din il-vettura giet mibjugha lil xi terz jew li hemm xi dokumentazzjoni f’dan ir-rigward fil-file.   Ikkonferma li l-log book m’ghandux ghalfejn jigi ffirmat quddiem xi ufficcjal tal-Awtorita’ intimata jew fil-bini tal-Awtorita’, izda hija r-responsabilita’ tal-bejjiegh li dan il-log book jasal ghand l-Awtorita’ una volta jsir il-bejgh, ghaliex f’ghajnejn il-ligi is-sid registrat maghhom jibqa’ responsabbli ghal hlasijiet tal-licenzji.

Illi minn ezami tal-ittra ufficcjali  4085/10 prezentata mill-Awtorita’ intimate, jirrizulta li l-Awtorita’ qed titlob BISS il-hlas tal-licenjzi b’lura mis-sena 2003 sas-sena 2010.  Illi fl-ebda hin ma talbet il-penali ta’ zewg Ewro kuljum kif allegat ir-rikorrenti erronjament fir-rikors taghha w ghalhekk dan ir-rikors huwa limitat biss ghal din it-talba tal-hlas tal-licenjzi b’lura, w cioe’ ghas-somma ta’ €632,25.

Mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-vettura bin-numru ta rgistrazzjoni AAV 996 tghajjat lir-rikorrenti w ilha hekk registrata f’isimha mal-Awtorita sa mis-sena 2001. Skond ix-xhieda ta’ bin ir-rikorrenti w cioe’ Kevin Bartolo, ommu kienet bieghet din il-vettura lil terz injot fis-sena 2002, ghalkemm mid-data ma kienx cert, u kienet iffirmat ukoll it-

transfer relattiv l-ghassa w ghalhekk kienet ezonerat ruhha mir-responsabilita’ ta’ sid ta’ vettura, w ghalhekk dak mitlub mill-Awtorita’ llum ghandu jithallas minn dan l-injot. Min-naha l-ohra, l-Awtorita’ hija tal-fehma li la s-sid registrat maghha hija ir-rikorrenti, allura tibqa’ hi responsabbli f’ghanejn il-ligi ghal hlas relattiv.

Issa skond l-**Artikolu 26 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta’ Malta:
*“Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort’ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta’ dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa’ suggetta ghad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura.”*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandha f’isimha l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li hija r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk tibqa’ responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita’ ma tkun ittrasferiet l-ebda jedd taghha.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1) tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi s-segwenti:-
*“Sid ta’ vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta’ l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti.”*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f’dan il-kaz hija r-rikorrent stante li hija r-*registered owner*, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta’ licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

Il-Qorti tirrileva li dan ir-rikors sar mir-rikorrenti u ghalhekk kien jispetta lill-istess rikorrenti tipprova li hija ghamlet dak kollu mistenni minnha sabiex tezimi ruhha minn kull responsabilita' – haga li fil-fehma tal-Qorti m'ghamlitx. Ghalhiex ghalkemm setghet verament inbieghet lil terz, xorta r-rikorrenti kellha l-obbligu li tinforma lill-Awtorita' dwar dan il-bejgh sabiex tirregola ruhha maghha w b'hekk il-licenzji b'lura ma kienux ikunu dovuti. Ir-rikorrenti setghet almenu kitbet lill-Awtorita' w informatha lil min bieghet il-vettura sabiex b'hekk l-istess Awtorita' kienet anke tiehu pasi kriminali kontra l-persuna, sa llum injota, sabiex isir it-transfer relattiv. Fil-file ma jirrizultax li kien hemm xi komunikazzjoni f'dan ir-rigward.

Ir-rikorrenti ukoll fir-rikors taghha tallega li l-Awtorita' intimata ma kinitx kostitwita meta kienu dovuti l-licenjzi li qed tirrikjama hlas taghhom, u ghalhekk illum mhix intitolata ghalihom. Il-Qorti taghmel referenza ghall-provizjoni transitorju w cioe' l-**artikolu 38 tal-Kap 499** minn fejn jirrizulta li l-Awtorita' intimata hija succesur tal-awtorita' precedenti. Skond l-**artikolu 38** jinghad is-segwenti:-
"*38. (1) Kull haga relatata ma' xi proprjetà jew impriza jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew tahtu li tkun inbdiet minn jew taht l-awtorità tal-Gvern, tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili qabel id-data tad-dhul fis-sehh ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, dik il-haga tista' titkompla u tintemm mill-Awtorità jew kif jigi awtorizzat minnha f'dik id-data jew wara dik id-data*."

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Awtorita' intimata kif kostitwita kellha kull dritt li tipprezenta l-ittra ufficcjali taghha w taghmel it-talba hemm imsemmija.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 4085/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.**
**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 4085/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------